A.L. 188 ta' l-2009

ATT DWAR IL-MEDIĊINI
(KAP. 458)

Regolamenti ta' l-2009 dwar Prodotti Mediċinali li jiġu Provduti mill-Klinika ĠenitoUrinarja fis-Servizzi tas-Saħħa tal-Gvern

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 79(2) ta' l-Att dwar il-Mediċini, il-Ministru għall-Politika Soċjali għamel dwar ir-regolamenti li ġejjin: -

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2009 dwar Prodotti Mediċinali li jiġu Provduti mill-Klinika ĠenitoUrinarja fis-Servizzi tas-Saħħa tal-Gvern.

Tifsir.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regoli u kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Mediċini;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità dwar il-Liċenzi mwaqqfa taħt l-Att;

"fond imsemmi" tfisser il-fond tal-Klinika ĠenitoUrinarja minn fejn jiġu dispensati l-prodotti mediċinali elenkati fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regoli;

"klinika ĠenitoUrinarja" tfisser kull post li jiġi identifikat għal daqshekk mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika u l-kelma "klinika" għandha tiftiehem skond hekk;

"konsulent" tfisser il-persuna li taġixxi u li tkun responsabbli għall-klinika.

Prodotti mediċinali li jiġu provduti mill-konsulent.

3. Il-prodotti mediċinali elenkati fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regoli għandhom jiġu biss provduti minn konsulent lil dawk il-pazjenti li jkunu qegħdin jattendu jew li jkunu ġew riferuti lill-klinika.

Dmir tal-konsulent.

4. Il-konsulent għandu –

(a) jipprovdi l-prodotti mediċinali msemmija fl-Iskeda direttament lill-pazjenti li jkunu jattendu l-klinika, u huwa għandu jżomm reġistru dwar dan;

(b) jiddispensa biss dak l-ammont li jkun meħtieġ għaż-żmien speċifikat fir-riċetta;

(ċ) minnufih javża lill-Awtorità b'kull emenda meħtieġa fl-Iskeda;

(d) jgħarraf lill-Awtorità bl-indirizz tal-klinika u b'kull bidla li ssir f'dak l-indirizz;

(e) ikun responsabbli għal kull dmir u obbligu li jkollu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali provduti lil pazjenti taħt l-Att u kull regolamenti jew regoli magħmulin taħtu, u għal *standards* u kondizzjonijiet maħruġin mill-Awtorità minn żmien għal żmien f'dak li għandu x'jaqsam mad-dispensa;

(f) iżomm dak l-ammont ta' prodotti mediċinali skond kull arranġament intern li jkollu ma' l-ispiżerija ta' l-isptar sabiex jiġi żgurat servizz kontinwu fil-klinika;

(g) jieħu kull prekawzjoni raġonevoli sabiex jiżgura l-ħzin u d-dispensa adatti tal-prodotti mediċinali;

(h) iżomm proċedura aġġornata, miktuba u miftiehma ma' l-ispiżerija ta' l-isptar li tkun qegħda tforni l-prodotti mediċinali.

Drittijiet li għandha l-Awtorità.

5. L-Awtorità jkollha dritt temenda, tissospendi jew tirrevoka l-awtorizzazzjoni jekk xi disposizzjoni ta' l-awtorizzazzjoni mogħtija taħt dawn ir-regoli jew xi disposizzjoni li għandha x'taqsam ma' xi liġi oħra, tkun inkisret mill-konsulent.

SKEDA

(Regola 3)

Lista ta' prodotti mediċinali awtorizzati għall-fini ta' dawn ir-regoli

1. *Doxycycline* 100 mg darbtejn kuljum għal sebat ijiem. (Xi minn daqqiet għal 14-il ġurnata f'epididimitis u rari ħafna għal 28 ġurnata f'LGV u Sifilidi Latenti)

2. *Erthromycin* 250 mg, żewġ pilloli kuljum għal 7 ijiem

3. *Metronidazole* pilloli ta' 200 mg – 2 pilloli kuljum għal 7 ijiem

4. *Ceftriaxone* injezzjonijiet ta' 250 mg im u injezzjoni ta' 1% *lignocaine* biex id-dilwizzjoni tingħata bħala doża stat

5. *Spectinomycin* 2 grammi im stat

6. *Benzathine Penicillin* injezzjonijiet ta' 1.2 miljun *unit* u injezzjoni ta' 1% *lignocaine* biex id-dilwizzjoni tingħata bħala doża stat ta' 2.4 miljun *unit*

7. *Clotrimazole* 100 mg suppożitorji

8. *Podophyllotoxin* 0.15% krema

9. *Podophyllotoxin* 0.5% soluzzjoni topikali

10. *Aciclovir* 200 mg li jingħata bħala 400 mg tliet darbiet kuljum għal sebat ijiem għal każijiet akuti

11. *Prednisolone* 5 mg li jingħata bħala 20 mg tliet darbiet kuljum għal tliet ijiem

12. *Amoxicillin* 250 mg li jingħata bħala 500 mg tliet darbiet kuljum għal ħamest ijiem